MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 817/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**M. & C. Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 t'April 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u hamsin Lira u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), rapprezentanti kwantu ghal Lm44.75 Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu mis-6 t'Ottubru 2002 sal-5 t'Ottubru 2003, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 010987, rilaxxjata mis-socjeta' attrici favur tas-socjeta' konvenuta, b'liema licenzja is-socjeta' konvenuta qieghda tigi moghtija d-dritt li xxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment

"Trattoria Palazz", Valletta, u kwantu ghal Lm6.71 Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjes legali u gudizzjarji u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz u tal-ittra legali tal-31 ta' Dicembru 2002 u dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Josette Attard  in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u hamsin Lira u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2003, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------